

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13532/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0214(COD)**

---

CODEC 1513  
AVIATION 244  
COVID-19 160  
CORLX 918  
COEST 729

**NOTA PUNT "A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tas-solliet temporanju mir-regoli dwar l-użu tas-slots fl-ajruporti tal-Unjoni minħabba sitwazzjoni epidemjoloġika jew aggressjoni militari (**I-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 TFUE dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE

---

1. Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta<sup>1</sup> tagħha, abbażi tal-Artikolu 100(2) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2022<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

---

<sup>1</sup> Dok. 11306/22 + COR 1.

<sup>2</sup> Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

4. Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>3</sup>.
5. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li jstieden lill-Kunsill biex:
  - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 47/22, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss;
  - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, kif stabbilit fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
6. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 47/22.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>3</sup> Dok. 13261/22.